

Brussell, 30 ta' Awwissu 2023  
(OR. en)

12496/23

MI 699  
IND 442  
COMPET 824  
AGRI 475  
AGRIFIN 102  
AGRILEG 167  
VETER 79  
DENLEG 39  
SAN 495  
PHYTOSAN 60  
STATIS 51  
ECOFIN 842  
CADREFIN 114  
SEMENCES 50  
DELACTION 123

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4993 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 28.7.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm tas-Suq Uniku

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4993 final.

Mehmuż: C(2023) 4993 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.7.2023  
C(2023) 4993 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 28.7.2023**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm tas-  
Suq Uniku**

{SWD(2023) 271 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021<sup>1</sup> jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "SMP".

Ir-Regolament (UE) 2021/690 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar (l-Artikolu 17) u dwar l-evalwazzjoni (l-Artikolu 18), u fl-Anness IV tiegħu jinkludi l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin għar-rapportar dwar il-progress tal-SMP fil-kisba tal-obiettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu (kif stabbilit fl-Artikolu 3). Biex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm fil-kisba tal-obiettivi tiegħu, l-Artikolu 17(3) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tissupplimenta r-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-indikaturi stabbiliti mill-Anness IV tar-regolament dwar l-SMP mhumiex biżżejjed għall-fini ta' evalwazzjoni komprensiva tal-SMP. Għal din ir-raġuni, dan l-att delegat jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, billi jintroduċi sett ta' indikaturi tat-tieni livell. Dawn l-indikaturi se jkejlu l-outputs, ir-riżultati u l-impatt tal-programm. Meta jitqies li l-Artikoli 16, 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2021/690 diġà jistabbilixxu ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, l-indikaturi addizzjonali stabbiliti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu dawk ir-rekwiżiti kif xieraq, biex jevitaw l-inkonsistenzi, jiżguraw is-sinerġiji u jnaqqsu kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Kif stabbilit mill-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) 2021/690 dwar l-eżerċizzju tad-delega, il-Kummissjoni kkonsultat l-esperti *ad hoc* maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Wara l-adozzjoni tal-att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 tal-att delegat jirreferi għall-indikaturi diġà stabbiliti mill-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/690 għall-fini ta' monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni u li se jintużaw ukoll bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Barra minn hekk, jintroduċi indikaturi addizzjonali numerati fl-Anness, li huma wkoll parti mill-qafas. L-Artikolu 1 għalhekk jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u jispeċifika kif il-Kummissjoni se tiġbor id-*data* meħtieġa.

L-Artikolu 2 tal-att delegat jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet biex l-att jidħol fis-seħħ.

---

<sup>1</sup> ĠU L 153, 3.5.2021.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 28.7.2023

## li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm tas-Suq Uniku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/690 jstabilixxi programm għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern ("il-programm") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm tas-Suq Uniku ("SMP") fil-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/690 huma elenkati fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għalkemm l-indikaturi elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/690 huma adattati għall-fini ta' monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni, ma jippermettux monitoraġġ u evalwazzjoni suffiċjenti u komprensivi tal-attivitajiet u tar-riżultati tal-programm fil-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti indikaturi addizzjonali bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.
- (3) L-indikaturi jenħtieġ li jkejlu l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-programm, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti eżistenti ta' rapportar u ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2021/690.
- (4) Biex jiġi żgurat li l-għbir tad-*data* jsir b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin, jenħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-SMP, filwaqt li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Meta jiġi mmonitorjat u evalwat il-Programm tas-Suq Uniku ("il-programm") f'konformità mal-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2021/690, l-indikaturi li ġejjin għandhom jintużaw bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni:

L-Indikaturi tal-Prestazzjoni Ewlenin eżistenti stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/690 għandhom jissejġu:

"OP 1", "OP 2", "OP 3", "OP 4", "OP 5", "OP 6", "OP 7", "OP 8",

"RES 1", "RES 2", "RES 3", "RES 4", "RES 5", "RES 6",

<sup>2</sup> ĠU L 153, 3.5.2021.

“IMP 1”.

Barra minn hekk, l-indikaturi l-ġodda stabbiliti fl-Anness ta’ dan ir-Regolament, għandhom ikejlu l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-programm fit-tieni livell.

“OP 0.1.”, “OP 0.2.”, “OP 0.3.”, “OP 0.4.”, “OP 0.5.”, “OP 1.1.”, “OP 1.2.”, “OP 2.1.”, “OP 4.1.”, “OP 4.2.”, “OP 4.3.”, “OP 4.4.”, “OP 4.5.”, “OP 4.6.”, “OP 5.1.”, “OP 6.1.”, “OP 6.2.”, “OP 6.3.”.

“RES 0.1.”, “RES 0.2.”, “RES 0.3.”, “RES 0.4.”, “RES 1.1.”, “RES 1.2.”, “RES 1.3.”, “RES 1.4.”, “RES 1.5.”, “RES 1.6.”, “RES 1.7.”, “RES 1.8.”, “RES 2.1.”, “RES 2.2.”, “RES 2.3.”, “RES 2.4.”, “RES 2.5.”, “RES 2.6.”, “RES 2.7.”, “RES 3.1.”, “RES 3.2.”, “RES 3.3.”, “RES 4.1.”, “RES 4.2.”, “RES 4.3.”, “RES 4.4.”, “RES 5.1.”, “RES 6.1.”, “RES 6.2.”, “RES 6.3.”, “RES 6.4.”, “RES 6.5.”, “RES 6.6.”,

“IMP 5.1.”, “IMP 6.1.”.

Id-*data* sottostanti użata mill-Kummissjoni biex tkejjel l-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinġabar minn sorsi tad-*data* fi ħdan il-Kummissjoni.

Ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni għandhom jipprovdu d-*data* fuq bażi annwali, meta din id-*data* tkun disponibbli. Ħarsa ġenerali annwali lejn ir-riżultati tista’ ssir disponibbli għall-partijiet ikkonċernati abbażi ta’ skedi informattivi ta’ monitoraġġ għal kull azzjoni. Dawn l-iskedi informattivi ta’ monitoraġġ għandhom jinġabru mid-*data* fir-rapporti tal-proġetti u d-*data* addizzjonali minn għodda ta’ rapportar.

Għall-pilastru tal-Ikel biss, ir-riżultati se jinkisbu permezz tal-amministrazzjonijiet nazzjonali permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali.

Il-Kummissjoni għandha tuża d-*data* li jipprovdu r-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni jew l-Istati Membri, biex tkejjel l-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1, bħala parti mill-qafas ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.7.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*